L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali* *Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XIV

4 ta' Novembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 109/2011

## MISTOQSIJA PARLAMENTARI NUMRU W451

Il-Prim Ministru ntalab iwieġeb din il-Mistoqsija Parlamentari mingħand l-Onor. Justyne Caruana:

***M.P. W451 –*** *Jista' l-Prim Ministru jgħid x'faċilitajiet għandu kull kunsill lokali f'Għawdex fir-rigward tas-servizzi soċjali, ċentri għall-ħarsien tat-tfal, ċentri għal matul il-jum għall-persuni b'diżabilità u l-anzjani u faċilitajiet edukattivi oħra? Jista' jgħid xi proġetti ta' din ix-xorta huma ppjanati għax-xhur li ġejjin?*

Din il-Mistoqsija Parlamentari hija intiża lill-Kunsill Lokali **Għawdxin** kollha. Għaldaqstant, tweġiba hija mistennija BISS mill-Kunsill Lokali **Għawdxin** kollha.

Fid-dawl tal-proċeduri stabbiliti fil-ġbir ta' informazzjoni għall-mistoqsijiet parlamentari, kif elenkati f'Memo 77/2010, intom ġentilment mitluba timlew l-informazzjoni bil-Malti f'format ***word*** fuq it-tabella mehmuża, għall-attenzjoni ta' Ms Antonella Borg fuq antonella.borg@gov.mt sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol millum, jiġifieri nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2011 f'nofsinhar. *Nil Returns* huma wkoll meħtieġa.

Infakkrukom li dawk il-Kunsilli Lokali li mhux se jwieġbu fil-ħin se jkunu elenkati fit-tweġiba parlamentari, filwaqt li l-Dipartiment ser jieħu passi fil-konfront ta' dawk il-kunsilli li ma jwieġbux fil-ħin.

Cleavon Vella
Għad-Direttur, Gvern Lokali

Mehmuż: Memo 109-2011 – PQ W 451 FORM

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 2000
TEL: 2200 2300 FAX: 2200 2390